PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

16 ta' Mejju, 2021

# EJJA SPIRTU S-SANTU!

Bħalissa qegħdin fi tħejjija għall-Pentekoste, jew kif insejħulu bil-Malti, Għid il-Ħamsin. Fil-fatt nhar il-Ħamis li għadda bdejna n-novena tal-Ispirtu s-Santu, u din in-novena twassalna għall-Jum Kbir tal-Pentekoste, festa li fiha nfakkru meta l-Ispirtu niżel fuq l-Appostli. Huwa l-anniversarju tat-twelid tal-Knisja.



Qegħdin fi żmien ta' pandemija. Jagħmel iktar sens li nitolbuh lill-Ispirtu sabiex jgħallimna nħobbu aktar, jimliena b'kuraġġ biex ma nibżgħux naffaċċjaw il-ħajja b'impenn, bi spirtu ta' sagrifiċċju, b'sens ta' għotja. L-Ispirtu s-Santu jgħinna meta nitħawdu; jgħallimna nittamaw anke meta ma jkunx baqa' motiv ta' tama.

Marbutin mal-Ispirtu s-Santu, li Sajdon isejjaħlu Ruħ il-Qodos, hemm dawn l-appuntamenti importanti:

1. F'dan il-Ħadd, **16 ta' Mejju** nfakkru t-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej. Qabel ma tela' s-sema Ġesù kien wiegħed li se jagħtina l-Ispirtu.
2. Nhar **Is-Sibt 22 ta' Mejju** se ssir il-Velja fil-pjazza tas-Santwarju Ta' Pinu. Din se tibda fit-8:00pm. Tistgħu tarawha fuq YouTube jew il-paġna ta' Facebook tad-Djoċesi. Fil-Velja tal-Pentekoste l-Isqof ser iniedi l-programm pastorali tad-Djoċesi.
3. Nitolbu għall-adolexxenti mill-parroċċa tagħna li nhar il-**5 ta' Ġunju** se jirċievu d-don tal-Ispirtu permezz tas-sagrament tal-Konfirmazzjoni. Nitolbu għal madwar 47 tifel u tifla sabiex jissaħħu fil-mixja tagħhom. Jekk tiftakru fil-knisja offru xi talb għalihom.

Ejja Spirtu s-Santu, oħroġna mit-telqa, eħlisna mill-mard, għallimna nħobbu u agħmel li nimpenjaw ruħna għall-Knisja, għall-ġid ta' kulħadd.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## AVVIŻI:

**IL-FESTA:** din il-ġimgħa qed nagħtukom envelop biex tagħtu għajnuna finanzjarja għall-festa. Għinu mill-aħjar li tistgħu. Grazzi!
L-attivitajiet marbutin mal-festa jsiru skont kif tiżvolġi s-sitwazzjoni u skont id-direttivi li jagħtu l-Awtoritajiet tas-Saħħa u tal-Knisja minn żmien għal żmien. Imma diġà tħejja programm ta' dak li se jsir fil-knisja. Dan jitqassam fil-futur qarib. Sadanittant il-grupp tan-nar qed jiġbor xi fondi.

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW BNIET:** javżaw li minn nhar it-Tnejn, 17 ta' Mejju, it-tfal bniet se jibda jkollhom id-duttrina fil-Mużew u mhux online. Il-ġranet u l-ħinijiet se jkunu kif intbagħtu bl-emails.

**DATA IMPORTANTI:** nhar l-Erbgħa 19 ta' Mejju jaħbat l-anniversarju ta' meta nħatru l-ewwel kanonċi tal-Kolleġġjata. Nitolbu għas-saċerdoti mejtin li servew fil-parroċċa.

**LAQGĦA TA' TALB 'DUN MIKIEL ATTARD':** nhar l-Erbgħa 19 ta' Mejju fil-Bażilika. Il-ħin għal dawn ix-xhur tas-sajf se jkun fis-6:15pm. Se titmexxa mill-Kan. Dun Loreto Tabone u tkun imxandra live fuq mnarjalive.com. Kulħadd huwa mistieden.

**VELJA TA' PINU:** mhux se jkollna trasport provdut għas-Santwarju ta' Pinu minħabba r-restrizzjonijiet eżistenti.

**SENA ĊENTINARJA - 29:** Fil-Leġjun ta' Marija tibqa' tidwi l-istedina lilek u lill-familji kollha tagħna: 'Tibżax tieħu għandek lil Marija' li tant drabi rrepeta matul is-Sena Marjana l-Kardinal Mario Grech.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI: Is-Sibt:** fil-5:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am